MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2004

Appell Civili Numru. 551/1995/1

**Raymond Vella u Victoria Bugeja bhala Diretturi u in rappresentanza tas-socjeta` Fekruna Ltd.**

**vs**

**Il-Kummissarju ta' l-Artijiet.**

**Il-Qorti:**

Dana l-appell jirrigwarda il-lokalita` maghrufa bhala l-Ponta tal-Fekruna, fix-Xemxija, limiti ta' San Pawl il-Bahar.

Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza huma riassunti tajjeb mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha tal-4 ta' Gunju, 1997:

**"Xi hmistax il-sena ilu s-socjeta` rikorrenti kienet akkwistat l-art maghrufa bhala 'Dahar il-Fekruna' minghand Jospeh Coleiro. Sussegwentement meta saru l-proceduri sabiex din l-art tigi registrata f'isem ir-rikorrent fir-Registru ta' l-Artijiet, rrizulta li parti minnha kienet giet akkwistata hazin inkwantu ma' kienitx tappartjeni lill-venditur izda kienet tal-Gvern ta' Malta wara d-devoluzzjoni tal-proprjeta` kollha appartenti lis-servizzi Inglizi.**

**Billi l-art tal-Gvern, kif jidher fil-pjanta Dok CV1, kienet tokkupa parti sostanzjali tal-istabiliment tar-rikorrent maghruf bhala Mare D'Oro, saru trattativi mad-Dipartiment tal-Artijiet sabiex dik il-bicca art li ma' kienitx akkwistata mir-rikorrent tigi trasferita lilu. B'dan il-mod ir-riorrent kien ser isir proprjetarju ta' l-art kollha fejn hu kien ghamel zvilupp turistiku. Sussegwentement gie ppublikat il-kuntratt tat-28 ta' Lulju 1993 fl-atti tan-Nutar Vincent Miceli (Dok CV2 ezebit) li in forza tieghu l-konvenut, f'isem u ghan-nom tal-Gvern ta' Malta, ittrasferixxa lil Fekruna Limited b'titolu assolut ta' vendita bicca art tal-kejl t'a cirka erbgha mija u disghin metri kwadri tmiss mit-tramuntana ma xatt il-bahar, u mil-lvant u punent ma gid tal-kompratur. Dan il-bejgh sar bil-prezz ta' LM14,000. Thallset ukoll is-somma ta' LM980 bhala taxxa fuq it-trasferiment.**

**Fl-imsemmi trasferiment ma gew imposti ebda kundizzjonijiet hlief li l-kompratur kellu josserva d-disposizzjonijiet stipulati fl-Antiquities Protection Act u d-disposizzjonijiet tal-Underground Water Ordinance – fejn dawn japplikaw.**

**B'dan it-trasferiment is-socjeta` rikorrenti issa saret proprjetarja tal-art kollha maghrufa bhala Dahar l-Fekruna f'San Pawl il-Bahar li kienet testendi minn xifer it-triq li tinzel lejn il-moll fejn jorbot il-vapur ta' Ghawdex sal-ponta estrema fid-direzzjoni tat-**

**tramuntana, bil-wisa' taghha kollu minn naha tal-bajja tal-Fekruna san-naha l-ohra fejn, aktar il-gewwa, tinsab il-bajja tax-Xemxija.**

**Naturalment is-socjeta` rikorrenti ghamlet zvilupp edilizzju fuq din l-art u sabiex tkun tista` tuzufruwixxi ahjar minn dan l-izvilupp l-access ghal-art li issa kienet 'art privata' gie maghluq b'mod illi l-pubbliku ma setghax jidhol, jekk mhux bi hlas, fejn kien soltu jmur biex jqatta ftit sieghat f'xatt il-bahar.**

**Wara diversi protesti minn xi persuni, li anke ittantaw jidhlu bil-forza fuq l-art akkwistata mis-socjeta` rikorrenti, u wara pressjoni ezercitata permezz ta' kampanja pubblicitarja fil-gazzetti, il-Gvern iddecieda li jiehu lura parti mill-art minnu trasferita kif fuq inghad, oltre bicca ohra formanti parti mill-art li r-rikorrenti kien akkwista minghand Coleiro. Din l-art, li kienet ser tittiehed, kienet iddur mal-perimetru ta' l-art kollha tas-socjeta` rikorrenti sabiex b'hekk jinholoq access ghall-bahar ghall-pubbliku. Ghalhekk b'dikjarazzjoni maghmula mill-President ta' Maltabis-sahha ta' l-artikolu 3 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap 88) gie dikjarat li bicca art tal-kejl ta' madwar 1,347 metru kwadru proprjeta` tal-istess Fekruna Limited kienet mehtiega mill-awtorita` kompententi ghal skop pubbliku u li l-akkwist taghha ghandu jkun b'xiri assolaut. Din l-art hija ahjar deskritta u murija markata bl-ahmar fuq pjanta L.D. 83-96 li tinsab ezebita a fol 102 tal-process. B'dan x-xiri forzat l-proprjeta` u konsegwentement li zvilupp li sar mis-socjeta` rikorrenti gie kompletament cirkondat bi passagg wiesgha w intilef kull zvog li l-istess zvilupp seta' kellu ghall-bahar ta' madwaru."**

Ghall-precizjoni ghandu jigi osservat li dik il-parti ta' l-art, ossia tal-Ponta tal-Fekruna, li s-socjeta` appellata kienet xtrat minghand il-Gvern fl-1993 hija indikata bl-isfar fuq il-pjanta Dok. CV1, fol. 13 ta' l-atti. Hija bicca art, kwazi rettangolari, piu` o meno fin-nofs tal-Ponta, pero` b'parti minnha tmiss mal-bahar. Mill-provi jirrizulta (ara in

partikolari d-deposizzjoni tal-allura Kummissarju tal-Artijiet, Adriano Gouder, tal-5 ta' Awissu, 1996, fol. 44 *et seq.*) li din il-bicca art kienet inxtrat minghand is-sid ta' qabel ta' l-art fil-Ponta (Coleiro) mis-Servizzi Inglizi biex fuqha jibnu *pill box*. Din il-*pill box*, pero`, evidentement bi zvista, spiccat inbniet f'parti ohra tal-Ponta u allura fuq art li kienet fil-fatt privata. Kif fisser l-imsemmi Kummissarju, meta kulhadd induna bl-izball il-Gvern, flok ma qal lis-sidien tas-socjeta` biex iwaqqghu dik il-parti tal-istabbiliment (restaurant) li kien mibni fuq il-bicca li kienet ghadha tal-Gvern, *"…hassejna li dan kien kaz genwin u ghalhekk irregolarizzajna l-posizzjoni…"* (Gouder, fol. 45). Il-posizzjoni giet regolarizzata billi, kif indikat fis-sentenza appellata, il-Gvern biegh dik il-bicca art lill-imsemmija socjeta`.

B'dikjarazzjoni tal-President ta' Malta tal-4 ta' Lulju, 1996, ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fit-12 ta' Lulju, 1996, il-Gvern iddikjara li l-*foreshore* kollu tal-Ponta tal-Fekruna – u li allura kien jinkludi parti mill-art, proprjeta` privata tas-socjeta` appellata – kien mehtieg ghal skop pubbliku u ghalhekk inbdew il-proceduri skond il-Kap. 88 ghal akkwist b'xiri assolut.

Fir-rikors taghhom quddiem l-ewwel Qort,i ir-rikorrenti nomine allegaw li dan l-esproprju kien jilledi d-dritt tas-socjeta` in kwistjoni kif protetti bl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni kif ukoll bl-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u bl-Artikolu 14 tal-istess Konvenzjoni u dan billi (1) ma kienx jezisti "l-interess pubbliku" jew "l-iskop pubbliku" ghal tal-esproprju, (2) tonqos "il-proporzjonalita` indispensabbli bejn ir-restrizzjoni tad-dritt fondamentali ta' **[recte:** u**]** l-iskop li jrid jigi milhuq", u (3) il-Gvern agixxa diskriminatorjament peress li hemm diversi postijiet f'Malta fejn il-*foreshore* mhux accessibbli ghall-pubbliku ghax l-art li tmiss mal-bahar tinsab f'idejn il-privat.

Il-Kummissarju ta' l-Artijiet eccepixxa fl-ewwel lok li s-socjeta` rikorrenti ma kienitx ezawriet ir-rimedji ordinarji; fit-tieni lok eccepixxa li l-esproprjazzjoni in kwistjoni kienet

in konformita` mal-limitazzonijiet previsti kemm fil-Kostituzzjoni kif ukoll fil-Konvenzjoni Ewropea.
L-ewwel Qorti, fis-sentenza taghha aktar 'l fuq imsemmija, iddecidiet hekk:
**"Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-intimat u tilqa' t-talbiet kontenuti fir-rikors, tiddikjara li t-tehid tal-pussess u tal-proprjeta` tar-rikorrenti hija bi ksur tad-drittijiet fondamentali tieghu kif fuq inghad u konsegwentement tiddikjara nulla l-esproprjazzjoni li saret in forza tad-dikjarazzjoni Presidenzjali tat-12 ta' Lulju, 1996, u fl-istess hin tillikwida l-kumpens dovut lir-rikorrenti fis-somma ta' elf u hames mitt lira maltin (Lm1,500) u tikkundanna lill-intimat ihallas dan l-ammont lir-rikorrent. Bl-ispejjez kontra l-intimat."**

Kwantu ghall-ewwel eccezzjoni – u cioe` li r-rikorrenti nomine ma kienux ezawrew ir-rimedji ordinarji, ghax ma kienux ipprocedew taht l-Artikolu 469A tal-Kap. 16 (cioe` ghal *judicial review*) u li ghalhekk il-Prim Awla kellha tiddeklina milli tezercita s-setghat taghha taht l-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u taht l-artikolu korrispondenti tal-Kap. 319 – l-ewwel Qorti rrespingiet din l-eccezzjoni billi rriteniet li r-rimedju li kienu qed jitolbu r-rikorrenti kien imur oltre dak li kien possibbli li jitolbu jew li jinghataw bi jew taht il-procedura skond l-Artikolu 469A imsemmi. Ghalhekk l-ewwel Qorti ghazlet li tezercita s-setghat taghha kostituzzjonali u "konvenzjonali". Kwantu ghall-meritu, l-ewwel Qorti qalet hekk:
**"Illi fil-meritu qed jigi sottomess mir-rikorrent li l-esproprjazzjoni ta' l-art tieghu ma saritx fl-interess pubbliku, billi dak l-interess ma kienx jezisti, u bil-mod selettiv adottat mill-intimat dik l-esproprjazzjoni tammonta ghal diskriminazzjoni vjetata mill-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea.**

**L-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jippreskrivi li 'Ebda proprjeta` ta' kull xorta li tkun ma ghandu jittiehed pussess taghha b'mod obbligatorju, u ebda interess fi jew dritt fuq proprjeta` ta' kull xorta li tkun ma ghandu jigi misub b'mod obbligaotrju, hlief meta hemm disposizzjoni ta' ligi applikabbli ghal dak it-**

**tehid ta' pussess jew akkwist ghal hlas ta' kumpens xieraq, ghall-access lil qrati sabiex jigi deciz l-interess tal-parti, l-ammont ta' kumpens u l-hlas ta' dak il-kumpens, u li tizgura dirtt ta' appell mid-decizjoni tal-qorti ta' l-ewwel grad.**

**Dan id-dritt li ghandu l-Gvern li jiehu pussess ta' proprjeta` privata, kif suggett ghas-salwagwardji hawn fuq imsemmija, ghandu jigi ezercitata minghajr ebda diskriminazzjoni u fl-interess pubbliku kif stabbilit fl-artikolu 32 tal-istess Kostituzzjoni.**

**L-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokol li hemm mal-Konvenzjoni Ewropea li sar parti mil-ligi ta' Malta in forza tal-Att XIV ta' l-1987, jghid li 'Kull persuna naturali jew persuna morali ghandha dritt ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghha. Hadd ma ghandu jigi privat mill-possedimenti tieghu hlief <u>fl-interess pubbliku</u> u bla hsara tal-kondizzjonijiet provduti bil-ligi u bil-principji generali tal-ligi internazzjonali'. L-istess artikolu jkompli jghid li 'Izda d-disposizzjonijiet ta' qabel ma ghandhom b'ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jinforza dawk il-ligijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-uzu ta' proprjeta` skond l-interess generali jew biex jizgura l-hlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet ohra jew pieni'.**

**L-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea, li saret referenza ghalih fir-rikors promotur, jippreskrivi li t-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati f'din il-Konvenzjoni ghandha tigi assigurata minghajr diskriminazzjoni minhabba sess, razza etc. Huwa minnu, kif dejjem gie ritenut, li dan l-artikolu ma jistabilixxi ebda dritt fondamentali gdid per se izda jistabilixxi l-parametri entro liema kull Gvern ghandu jagixxi sabiex d-drittijiet fondamentali tal-individwu jigu mharsa. Huwa daqstant accettat li l-kazi ta' diskriminazzjoni specifikati fl-istess artikolu ma humiex restrittivi u kull kaz fejn jirrizulta li l-individwu gie diskriminat kontra, billi l-awtorita` ma tkunx agixxiet b'mod imparzjali, anke minghajr ma dik id-diskriminazzjoni tinkwadra ruhhu taht wahda mill-**

**kazijiet imsemmija f'dan l-artikolu, ghandu wkoll jkun sottopost ghall-iskrutinju tal-Qrati.**

**F'dan il-kontest l-ilment tar-rikorrent u cioe` li hu gie mcahhad minn proprjeta` tieghu ingustament u li dan it-tehid jammonta ghal diskriminazzjoni fil-konfront tieghu, sejrin jigu kunsidrati flimkien.**

**Ikkunsidrat;**

**Mhux qed jigi premess f'dawn il-proceduri, li l-Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta b'xi mod jikser il-provvedimenti ta' l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni jew tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni. Infatti l-ligi li tipprovdi ghall-Akkwist ta' Artijiet ghal-Skopijit Pubblici tirrikjedi fl-ewwel lok li dan l-akkwisit jkun 'ghal skop pubbliku', u fl-istess hin tipprovdi ghal kumpens xieraq u s-salvagwardji l-ohra kollha sabiex d-drittijiet fondamentali tac-cittadin jigu attwati.**

**Li qed jinghad f'dawn il-proceduri hu semplicement li ghalkemm sew l-Kostituzzjoni, l-Konvenzjoni w l-Kap 88 jippreskrivu li l-akkwist forzat ta' proprjeta` ghandu jkun dejjem fl-interess jew ghal skop pubbliku' f'dan il-kaz dan ir-rekwizit jonqos. U ghalhekk dan sar abbuzivament u konsegwentement bi ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrent.**

**Ikkunsidrat;**

**Fix-xhieda tieghu moghtija fis-6 ta' Dicembru 1996 l-intimat xehed hekk: 'Wiehed mill-iskopijiet tal-esproprju huwa biex nergghu nirrintegraw lill-pubbliku mill-uzu ta' dak il-promontorju'. L-intimat fl-istess okkazjoni zied jghid: 'U fil-fatt jien naf, anke minn knwoledge tieghi, li about forty, fifty years ago, kont immur nghum hemmhekk u l-promontorju kien totalment ……… miftuh ghal pubbliku. Ma kienx hemm l-ebda barrier li taghlaq lill-pubbliku li jmur fuq dak il-promontorju w jghum hemm'.**

**F'din id-dikjarazzjoni insibu r-raguni principali l-ghala l-Gvern hass li kellu jesproprja l-art in kwistjoni. U cioe` l-interess tal-pubbliku li jkollu access ghal din il-parti tax-xtajta ta' Malta.**

**Din il-Qorti tissimpatizza ma' dik is-sezzjoni tal-pubbliku li kellu d-drawwa li jmur iqatta' ftit sieghat vicin il-bahar f'dik il-parti tax-xtajta ta' Malta maghrufa bhala Dahar il-Fekruna. Huwa minnu li dan il-promontorju, bil-bajja tal-Fekruna fil-qrib, jippresenta aspetti ta' sbuhija naturali li jsawwar lil kull min kien jiffrekwenta dan il-post. Izda din il-Qorti ma tistax tintilef f'sentimentalizmi u trid toqghod ghal fatti tal-kaz u tara jekk dawn il-fatti jaghtux lok ghal xi ksur ta' dritt fondamentali tar-rikorrenti kif sancit mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni Ewropea.**

**Irrizulta waqt il-gbir tal-provi li partijiet mix-xtajta ta' Malta huma f'idejn il-privat, jew ghal skopijiet industrijali, jew skopijiet turistici jew sahansitra semplicement ghal uzu esklussiv ta' familja jew ohra. Diversi stabbilimenti jew gew moghtija l-uzu esklussiv tal-foreshore jew l-okkupazzjoni taghhom qed tigi tollerata u l-pubbliku in generali huwa michud l-access ghal dawk l-partijiet tax-xtajta maltija jekk mhux bi hlas.**

**Bhala rizultat tal-kuntratt tat-28 ta' Lulju 1993 bejn il-Gvern ta' Malta u r-rikorrenti, s-sitwazzjoni fil-promontorju tal-Fekruna gie 'at a par' ma hafna minn dawn l-istabbilimenti b'mod li s-socjeta` rikorrenti kellha, bid-dritt, l-uzu esklussiv u access ewlieni ghal 'foreshore' f'dawk l-inhawi.**

**Issa qed jigi sottomess mir-rikorrent illi bid-decizjoni tal-Gvern li jiehu lura parti minn dina l-art sabiex jaghti access lil pubbliku, l-istess rikorrent gie 'singled out' u inghata trattament differenti mill-istabbilimenti l-ohra li kienu u baqghu jaghmlu uzu minn l-art minnhom okkupata bi pregudizzju ghal pubbliku. Dan it-trattament differenti jammonta ghal**

**diskriminazzjoni projbita billi ma ngiebet ebda raguni valida u razzjonali biex tiggustifika l-agir tal-Gvern.**

**Fir-rigward tal-interess pubbliku necessarju sabiex l-esproprjazzjoni a termini tal-Kap 88 ma tkunx in kontravenzjoni mal-Kostituzzjoni jew l-Konvenzjoni Ewropea ir-rikorrent issottometta li dan l-interess ma jezistix u d-decizjoni tal-Gvern li jerga jiehu ura dak il kien ta ftit ta' zmien qabel kienet biss rizultat ta' pressjoni ezercitata minn ftit persuni. Fil-fatt, qed jigi sottomess, l-istess trasferiment li sar lill-privat bil-kuntratt fuq imsemmi juri li ma kienx fl-interess pubbliku li l-art tibqa' tal-Gvern. Altrimenti l-istess Gvern ma kienx jiddisponi minnha w kien jzommha ghalih jew jiddisponi minnha u fl-istess hin jzomm d-dritt ghal foreshore.**

**L-intimat qed jissottometti, illi jista' biss jinghad li hemm diskriminazzjoni skond l-Konvenzjoni Ewropea kemm il-darba jirrizulta li ma' kienx jezisti l-interess pubbliku ghall-eproprjazzjoni ta' dik l-art. Din il-Qorti ma' tikkondividiex l-hsieb tal-gharef difensur tal-intimat. L-att amministrattiv jista' jkun konformi mar-rekwiziti kollha li timponi l-ligi, izda xorta wahda jista' jkun vizjat billi affett b'element ta' diskriminazzjoni. Per ezempju, tista' tittiehed art sabiex tinfetah triq ghal pubbliku. Dan fih innifsu huwa utili w gust u kemm il-darba jithallas l-kumpens xieraq, dak l-att amministrattiv ma jistax jigi attakkat. Izda jekk fit-tehid ta' dik l-art mehtiega ghat-triq tintaghzel proprjeta` minn ohra bi pregudizzju ghal parti fejn tkun ser tghaddi t-triq u b'vantagg ghall-proprjeta` adjacenti, dak it-tehid forzuz jista' jkun sindakat minhabba element ta' diskriminazzjoni. Ghalhekk proprjament, ghalkemm l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea ma jaghti ebda dritt fondamentali originali, kull att amministrattiv li jeffettwa b'xi mod d-drittijiet fondamentali jista' jitpogga taht l-iskrutinju tat-test tad-diskriminazzjoni.**

**L-intimat ghalhekk, bhala konsegwenza ta' din il-premessa, qed isostni li l-esproprjazzjoni saret b'mod**

**regolari w a termini tal-ligi. U cioe` li kien hemm l-elementi kollha mehtiega fosthom l-interess pubbliku. Qed jigi sottomess, li l-Gvern mexa fuq il-principju li l-bahar huwa ta' kullhadd. Huwa ghalhekk d-dmir tal-Gvern li jipprovdi l-access ghal-pubbliku ghal foreshore bhal ma ghamel fil-kaz in ezami. Intqal li ma tressqet ebda prova li kien hemm xi abbuz ta' l-amministrazzjoni fl-esproprjazzjoni, bhal meta, per ezempju, tittiehed art biex tinghata ghal uzu privat. Dan l-att mhux necessarjament hazin, bhal meta tittiehed art ghal izvilupp ta' fabbriki, izda, issottometta l-gharef difensur, jista' jitqajjem suspett ta' favoritizmu w konsegwentement abbuz ta' poter. Ghalhekk, ikkonkluda d-difensur tal-intimat, fl-assenza tal-prova li kien hemm abbuz ta' poter, it-tehid ta' art hija prova fiha nfisha li dak l-att amministrattiv sar fl-interess pubbliku. Dana izjed u izjed meta notorjament l-art in kwistjoni kienet regolarment uzata mill-pubbliku ghall-ghawm.**

**L-argument tal-abbli difensur tal-intimat mhux accettabbli ghal din il-Qorti u lanqas ma jista' jreggi taht is-sistema guridika taghna. Id-dritt tat-tgawdija tal-proprjeta` privata huwa sacro sant u protett sew bil-Kostituzzjoni (art. 32) kemm ukoll bl-ewwel artikolu ta' l-ewwel protokol tal-Konvenzjoni Ewropea. It-tehid forzat ta' dik il-proprjeta` mill-awtorita` hija eccezzjoni ghar-regola w jista` jsir biss fil-kuntest ta' dak li tipprovdi l-istess Kostituzzjoni (Art 37) u l-istess Konvenzjoni. Ghalhekk fil-kaz li l-awtorita` tiehu proprjeta` privata u b'hekk tnaqqas mid-dritt tac-cittadin tal-godiment taghha, dan dejjem irid isir 'fl-interess pubbliku' u wara li l-istess cittadin jkun assikurat li ghandu s-salvagwardja ta' rikors lil Qrati ghal kumpens xieraq. Ghalhekk jinkombi lill-amministrazzjoni li turi, b'mod posittiv, li jezisti dak l-interess pubbliku li jiggustifika t-tehid forzuz ta' dik il-proprjeta` u mhux li r-rikorrent juri li jikkonkorru l-elementi rikjesti fl-artikolu 469A tal-Kap 12 biex dak l-att amministrattiv jigi annullat. Jekk ma' jirrizultax l-interess pubbliku biex jiggustifika it-tehid ta' l-art, dak it-tehid ghandu jigi annullat.**

**Huwa minnu li d-dikjarazzjoni tal-President ta' Malta taht l-art. 6 tal-Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta tikkostitwixxi prova tal-interess pubbliku. Izda, kif gie ritenut minn dawn il-Qrati, fi proceduri kostituzzjonali koncernanti d-dritt ghat-tgawdija tal-proprjeta`, il-Qorti ghandha kull dritt u l-obbligu li tara li dik id-dikjarazzjoni tirrifletti l-verita`.**

**L-access ghal 'foreshore' fih innifsu jista` jigi kunsidrat bhala ta' utilita` pubblika. Izda dan mhux bizzejjed biex jikkostitwixxi dak l-interess pubbliku mehtiega mill-Kostituzzjoni biex l-individwu jigi privat mill-prorpjeta` tieghu. Aktar u aktar fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz fuq imsemmija u tenut kont li din tidher li kienet l-ewwel u l-unika istanza fejn inhass dan il-bzonn minghajr ma inghatat raguni impellenti ghal dan l-att, din il-Qorti mhux ser tilqa' is-sottomissjonijiet tal-intimat u ghalhekk tiddikjara li l-art fuq imsemmija giet esproprjata minghajr ma' jikkonkorru l-elementi mehtiega skond il-Kostituzzjoni w l-Konvenzjoni Ewropea u di piu` tiddikjara li fit-tehid ta' din l-art ir-rikorrenti gie diskriminat kontra."**

L-intimat Kummissarju ta' l-Artijiet appella minn din is-sentenza. Ghalkemm l-appellant ressaq diversi lmenti kontra s-sentenza appellata, l-ilmenti principali huma, bazikament, tlieta: (1) li l-ewwel Qorti messha ddeklinat li tezercita s-setghat taghha ghax kien hemm rimedji ordinarji li ma gewx ezawriti, (2) li kuntrarjament ghal dak deciz mill-ewwel Qorti l-art in kwistjoni ttiehdet fl-"interess pubbliku", u (3) li ma kien hemm ebda diskriminazzjoni kif allegat.

Kwantu ghall-ewwel aggravju, din il-Qorti thossha ferm frustrata li ghal darba ohra, u minkejja diversi pronunzjamenti ta' din il-Qorti, qed terga' tigi rinfaccjata fl-istadju ta' appell mill-"eccezzjoni", sollevata minn Dipartiment Governattiv, li l-Prim Awla kellha tiddeklina li tezercita s-setghat taghha skond is-subartikolu (2) tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u s-subartikolu (2) tal-Artikolu

4 tal-Kap. 139 peress li kien hemm mezz xieraq ta' rimedju ghall-ksur allegat taht xi ligi (ordinarja) ohra. L-appellant ghadu jinsisti li s-socjeta` rikorrenti messha agixxiet taht l-Artikolu 469A tal-Kap. 16. Issa, apparti li hu evidenti li r-rimedju talvolta disponibbli taht l-imsemmi Artikolu 469A huwa ferm aktar limitat mir-rimedju li tista' taghti l-Prim Awla fil-kompetenza kostituzzjonali u "konvenzjonali" taghha, il-proviso ghas-subartikolu (2) kemm tal-Artikolu 46 kif ukoll tal-Artikolu 4, ma jghidx li l-Prim Awla "ghandha" tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha, izda li "tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel" li tirrifjuta li tezercita dawk is-setghat. Fi kliem iehor, il-legislatur halla fid-diskrezzjoni prudenti tal-Prim Awla biex, minn naha l-wahda ma jkunx hemm kawzi kostituzzjonali (jew taht il-Kap. 319) bla bzonn, izda minn naha l-ohra jigi assigurat li f'kazijiet li jimmeritaw li jigu ezaminati sew u taht il-lenti tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni Ewropea (anke jekk dawn setghu jigu ezaminati taht xi ligi ohra) dawn jigu hekk ezaminati, u dan fid-dawl tar-rimedju jew rimedji li "huma jew kienu disponibbli" favur il-persuna li tkun qed tallega vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali taghha. Konsegwentement meta l-Prim Awla taghzel li tezercita s-setghat taghha, din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni ezercitata minn dik il-Qorti hlief f'kazijiet fejn dik il-Qorti tkun manifestament u grossolanament zbaljat fl-uzu ta' dik id-diskrezzjoni. Dan ma huwiex il-kaz odjern – din il-Qorti tikkondividi pienament il-hsieb ta' l-ewwel Qorti li, jekk verament hemm ksur tal-artikoli senjalati mis-socjeta` appellata, ir-rimedju taht l-Artikolu 469A ma jkunx certament wiehed adegwat ossia "xieraq".

Kwantu ghall-meritu, din il-Qorti hi tal-fehma li l-izball fondamentali tas-sentenza appellata hu li "hawdet" il-kwistjoni ta' l-"interess pubbliku" mal-kwistjoni tad-"diskriminazzjoni". Din il-Qorti ma tarax li hu necessarju, ghad-determinazzjoni tal-vertenza odjerna, li wiehed joqghod jezamina – kif din il-Qorti giet mistiedna li taghmel mill-appellant – jekk taht l-Artikolu 37(1) tal-Kostituzzjoni hux mehtieg o meno li jkun hemm "interess pubbliku" fi jew wara t-tehid tal-proprjeta` ta' dak li jkun (a differenza tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni), jew jekk dan il-kaz jaqax fil-parametri ta' l-ezenzjoni taht is-

subartikolu (9) tal-Artikolu 57 tal-Kostituzzjoni. Dak li jrid jigi determinat huwa jekk (1) it-tehid tal-*foreshore* tal-Ponta tal-Fekruna sarx fl-interess pubbliku u, f'kaz affermattiv, jekk (2) dak it-tehid jilledix xorta wahda l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni. In fatti, kif inhu risaput, jista' jkun hemm kemm att amministrattiv kif ukoll ligi li tkun perfettament konsona ma' l-artikoli sostantivi l-ohra tal-Konvenzjoni Ewropea, izda li, fl-isfond tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz, tkun tilledi l-Artikolu 14. L-awturi van Dijk u van Hoof, wara rassenja tal-gurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg, jikkonkludu hekk:

**In summary, the case-law discussed above induces us to conclude that Article 14 contains an autonomous, though complementary guarantee in relation to the rights and freedoms protected in Section 1 [of the Convention]. Even though the 'main' provision on itself has not been violated, the facts may show a violation of that provision in conjunction with Article 14 and a broad interpretation of the scope of the 'main' provision will lead to an expansion of the applicability of Article 14.** [1]

Fl-istess sens Alastair Mowbray, fil-ktieb tieghu ***Cases and Materials on the European Convention on Human Rights*** [2] jghid hekk:

**The Court's interpretation of Article 14 in the above case[3] makes it clear that there can be a breach of the prohibition on discrimination in circumstances where there is no violation of the related substantive Convention right. A dramatic example of this occurred in *Abdulaziz, Cabales and Balkandali v. UK,* A.94 (1985) 7 EHRR 471. The applicants were aliens lawfully settled in the UK. They complained that under the existing Immigration Rules their (alien) husbands were refused permission to enter and settle in the UK with them. The Court did not find a breach of the**

[1] Van Dijk, P. u van Hoof, G. J. H. ***Theory and Practice of the European Convention on Human Rights***, Kluwer International (The Hague), 1998, p. 716.
[2] Butterworths (London), 2001.
[3] *"Belgian Linguistic" Case (no. 2)* – A.6 (1968) 1 EHRR 252.

**applicants' right to respect for their family life under Article 8…However, the applicants also contended that there had been discriminatory treatment which violated Article 14.** [4]

Jekk wiehed, ghalhekk, jillimita ruhhu ghall-mument ghall-kwistjoni ta' l-"interess pubbliku" – u t-tehid tal-possedimenti certament irid isir fl-"interess pubbliku" skond l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni – wiehed difficilment jista' jifhem kif l-ewwel Qorti waslet, jew donnha waslet, ghall-konkluzzjoni li l-esproprjazzjoni tal-*foreshore* in kwistjoni ma saritx fl-"interess pubbliku".

Il-kaz in ezami jirrigwarda post maghruf li hu popolari hafna ghall-ghawm. Mill-provi jirrizulta li l-esproprjazzjoni kjarament saret biex il-pubbliku in generali jkollu access liberu u bla xkiel ghall-bahar mill-Ponta tal-Fekruna kollha. "Interess pubbliku" aktar minn hekk wiehed difficilment jista' jikkoncepih. Huwa veru li tlett snin qabel l-istess Kummissarju ta' l-Artijiet kien biegh dik il-bicca mill-Ponta, li kienet ghadha proprjeta` tal-Gvern, lis-socjeta` appellata u ma kienx ghamel xi riserva ghal dak li jirrigwarda l-*foreshore*. Dan il-fatt wahdu, pero`, jista' jfisser biss li l-Gvern (jew, forsi ahjar, Dipartiment tal-Gvern) f'dik l-okkazzjoni ghaggel wisq u ma hax in konsiderazzjoni dak kollu li kellu jiehu in konsiderazzjoni. Meta, izda, l-ixkiel ghall-pubbliku biex jaccedi ghall-bahar mill-Ponta beda jsir aktar ovvju, ittiehdet il-mizura korrettorja li jigi esproprijat il-*foreshore* kollu ta' dik il-Ponta. Mill-banda l-ohra ma hijiex korretta s-sottomissjoni ta' l-abbili difensur ta' l-appellant li donnu jahseb li ghax l-Ezekuttiv jiehu decizjoni li art hija mehtiega fl-"interess pubbliku", dik id-decizjoni hija kwazi insindakabbli:
**"Din id-decizjoni ukoll effettivament tarroga poter ezekuttiv lill-Qrati u certament m'hijiex gustifikata f'sitwazzjoni fejn ma ingiebet l-ebda prova li sar xi 'abbuz ta' poter', u cioe` uzu ta' poter ghal skopijiet li**

[4] *op. cit.* p. 607. Fil-fatt, fil-kaz ta' *Abdulaziz, Cabales and Balkandali* il-Qorti Ewropea td-Drittijiet tal-Bniedem ikkonkludiet li *"…the applicants have been the victims of discrimination on the ground of sex, in violation of Article 14 taken together with Article 8."*

**ma rieditx il-ligi.”** (ara r-rikors ta’ appell, pagna 4, paragrafu enumerat 4).

Kif din il-Qorti, diversament komposta, kellha l-opportunita` li tispjega fis-sentenza taghha tat-28 ta’ Dicembru, 2001 fl-ismijiet ***Pawlu Cachia v. Avukat Generali u l-Kummissarju ta’ l-Artijiet***, jispetta ghall-Istat li jkun qed jesproprija li jipprova li dak l-esproprju ikun qed isir, *inter alia*, fl-interess pubbliku; u li s-setgha ta’ l-Istat li jesproprja hija dejjem soggetta **“ghall-verifika mill-organi gudizzjarji”**. Huwa veru li l-Qorti ta’ Strasbourg spiss titkellem dwar “margini ta’ apprezzament wiesgha” fejn jidhol il-kuncett ta’ “interess pubbliku”:

**The Court is of the opinion that because of their direct knowledge of their society and its needs, the national authorities are in principle better placed than the international judge to appreciate what is “in the public interest”. Under the system of protection established under the Convention, it is thus for the national authorities to make the initial assessment as to the existence of a problem of public concern warranting measures of deprivation of property. Here, as in other fields to which the safeguards of the Convention extend, the national authorities accordingly enjoy a certain margin of discretion. Furthermore, the notion of “public interest” is necessarily extensive. In particular, the decision to enact laws expropriating property will commonly involve consideration of political, economic and social issues. The Court, finding it natural that the margin of appreciation available to the legislature in implementing social and economic policies should be a wide one, will respect the legislature’s judgment as to what is “in the public interest” unless that judgment is manifestly without reasonable foundation.** [5]

Izda meta dawn il-principji jigu trasposti fil-kuntest tas-sistema guridika domestika, u b’mod partikolari s-sistema guridika taghna, l-arbitru ahhari ta’ jekk esproprjazzjoni partikolari tkunx saret fil-kaz konkret fl-“interess pubbliku” kif rikjest skond l-Artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protokoll jibqa’ l-

[5] *Case of the former King of Greece and Others v. Greece*, 23 ta’ Novembru, 2000, para. 87.

organu gudizzjarju – il-Prim Awla fl-ewwel lok u din il-Qorti fit-tieni lok.

Pero` taht l-Artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protokoll irid jigi ezaminat aspett iehor li, bid-dovut rigward lejn l-ewwel Qorti, jidher li ma gie b’ebda mod indirizzat fis-sentenza appellata. Din hija l-kwistjoni tal-proporzjonalita` bejn l-ghan li jkun irid jintlahaq minn naha u l-protezzjoni tad-dritt fondamentali ta’ l-individwu minn naha l-ohra. Kif inghad mill-Qorti ta’ Strasbourg fis-sentenza taghha tal-5 ta’ Novembru, 2002 fl-ismijiet ***Pincova and Pinc v. The Czech Republic*** :

**The Court observes that any measure which interferes with the right to peaceful enjoyment of possessions must strike a fair balance between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual’s fundamental rights…In particular there must be a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be realised by any measure depriving a person of his possessions…Thus the balance to be maintained between the demands of the general interest of the community and the requirements of fundamental rights is upset if the person concerned has had to bear a “disproportionate burden”…Consequently, the Court has held that the person deprived of his property must in principle obtain compensation “reasonably related to its value”, even though “legitimate objectives of ‘public interest’ may call for less than reimbursement of the full market value”** [6]

Fil-kaz in dizamina s-socjeta` appellata ma hijiex qed tallega li hi mhix ser tigi kumpensata jew adegwatament kumpensata ghall-art li ser tittehdilha. Mill-provi, imbaghad, jirrizulta li l-esproprjazzjoni tolqot biss tant mill-art daqs kemm hi mehtiega biex il-pubbliku – li tradizzjonalment kellu access ghall-bahar mill-Ponta tal-Fekruna – jibqa’ jkollu tali access minghajr xkiel. Ghalhekk, fil-fehma ta’ din il-Qorti, l-element tal-

[6] Paras. 52-53.

proporzjonalita` kif aktar 'l fuq imfisser jirrizulta li gie sodisfatt.

Ghalhekk ma jistax jinghad li bl-esproprjazzjoni imhabbra bid-dikjarazzjoni tal-President ta' Malta fl-4 ta' Lulju, 1996 sehh xi ksur la tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u anqas tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.

B'dana kollu, pero`, ma jfissirx, kif qed jirritjeni l-appellant, li ma saritx diskriminazzjoni fil-konfront tas-socjeta` appellata, diskriminazzjoni projbita bl-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni meta moqri ma' l-imsemmi Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll. Mid-deposizzjoni tal-allura Kummissarju ta' l-Artijiet Adriano Gouder tas-7 ta' Ottubru, 1996 – fol. 52 sa 69 – jirrizulta li f'Malta hawn diversi partijiet tal-kosta, anke fejn jista' facilment isir ghawm (fis-sens li ma hemmx xi rdum inaccessibbli, jew xi stabbiliment li min-natura tieghu jimpedixxi l-ghawm, ez. id-*dockyard* jew il-*freeport*) li ma humiex accessibbli ghall-pubbliku jew ghax l-art in kwistjoni hija tal-privat jew ghax minkejja li l-Gvern ikkonceda l-art bl-eskluzjoni tal-*foreshore* min ghandu l-koncessjoni enfitewtika jew l-*encroachment* bil-kundizzjoni li jhalli l-*foreshore* accessibbli ghall-pubbliku, tali kundizzjoni ma hux qed josservaha. F'dawn il-kazijiet kollha, jew fil-maggor parti taghhom, ma jirrizultax li l-Gvern ha xi passi biex jassigura li l-pubbliku jkollu access mhux imxekkel ghall-*foreshore* u biex l-istess pubbliku jkun jista' jgawdi d-delizzju tal-ghawm bhalma assigura li jsir fil-kaz tal-Ponta tal-Fekruna. Issa, huwa veru li wiehed ma jistax jghid li hemm xi post identiku ghall-Ponta tal-Fekruna – bhala konfigurazzjoni tal-art jew tal-blat – fejn il-Gvern mexa b'mod differenti. Pero` ghall-finijiet tal-Artkolu 14 huwa bizzejjed li jkun hemm sitwazzjonijiet simili – f'dan il-kaz lokalitajiet li jistghu jitqiesu balneari, u li minnhom il-pubbliku gie eskluz mill-privat:

**Article 14 will be breached where, without objective and reasonable justification, persons in 'relevantly' similar situations are treated differently. For a claim of violation of this Article to succeed, it has therefore to be established, *inter alia*, that the situation of the**

**alleged victim can be considered similar to that of persons who have been better treated.** [7]

Fil-fehma tal-Qorti gie sodisfacentement pruvat mill-appellat quddiem l-ewwel Qorti li persuni ohra f'posizzjoni simili ghal tieghu gew trattati b'mod ahjar mill-Gvern billi dawn b'ebda mod ma gew imfixkla fil-pussess effettiv, anke jekk mhux dejjem legali, tal-*foreshore* li ghandhom fl-interess tal-pubbliku in generali.

Is-soluzzjoni gusta, ghalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti ma hix li l-esproprjazzjoni *de quo* tigi dikjarata nulla – il-pubbliku m'ghandux jigi penalizzat minhabba l-inattivita jew l-inkompetenza fil-kamp tal-"enforcement" da parti tar-ram ezekuttiv tal-Gvern – izda li jkun hemm il-kumpens in linea ta' danni morali ghad-diskriminazzjoni sofferta.

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell tal-Kummissarju ta' l-Artijiet limitatament kif ser jigi indikat, u konsegwentement

(1) thassar u tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu ddikjarat li t-tehid tal-pussess u tal-proprjeta` tas-socjeta appellata Fekruna Ltd (bl-esproprjazzjoni li saret in forza tad-dikjarazzjoni presidenzjali tat-12 ta' Lulju, 1996) jilledi d-drittijiet fondamentali taghha protetti bl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u bl-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea,
(2) thassarha u tirrevokaha wkoll f'dik il-parti fejn iddikjarat nulla l-esproprjazzjoni li saret in forza tad-dikjarazzjoni presidenzjali tat-12 ta' Lulju, 1996,
(3) tikkonfermaha in kwantu ddikjarat li t-tehid tal-pussess u tal-proprjeta` tas-socjeta` appellata Fekruna Ltd (bl-esproprjazzjoni li saret in forza tad-dikjarazzjoni presidenzjali tat-12 ta' Lulju, 1996) jilledi d-dritt fondamentali taghha kif protett bl-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea moqri flimkien mal-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll ta' l-istess Konvenzjoni,
(4) tikkonfermaha wkoll f'dik il-parti fejn illikwidat il-kumpens dovut lill-imsemmija socjeta` in linea ta' danni morali fis-somma ta' elf u hames mitt lira (Lm1,500) kif

[7] *Spadea and Scalabrino v. Italy*, 28 ta' Settembru, 1995, A.315-B, p. 28.

ukoll fejn ikkundannat lill-appellant Kummissarju ta' l-Artijiet sabiex ihallas dana l-ammont lis-socjeta` appellata (allura s-socjeta` rikorrenti), u dan bla hsara ghal kull kumpens dovut skond il-ligi lill-imsemmija socjeta` appellata ghall-esproprju tal-art in kwistjoni, u
(5) thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-Kummissarju ta' l-Artijiet li jhallas l-ispejjez tal-kawza, u minflok tordna li l-ispejjez, kemm tal-prim istanza kif ukoll ta' dana l-appell, jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet (b'dan pero` li l-ispejjez konnessi mad-digriet ta' din il-Qorti, diversament komposta, tas-6 ta' Awissu, 1997 – ara fol. 177 sa 180 – ghandhom jibqghu kif stabbiliti f'dak id-digriet).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------